**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

***SODISFATTI BL-EMENDI L-ĠODDA GĦAL-LIĠI TAL-MALTI* – IS-SITT GĦAQDIET TAL-MALTI**

Aħna l-entitajiet tal-Malti sodisfatti li l-emendi l-ġodda li ġew approvati unanimament fil-Parlament inkitbu wara laqgħa twila li l-Ministru tal-Edukazzjoni organizza mal-għaqdiet matul il-btajjel tal-Milied. Aħna konvinti li l-emendi kif approvati se jsaħħu l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għax jiżguraw rappreżentanza akbar, konsultazzjoni wiesgħa u implimentazzjoni effikaċi. Napprezzaw ukoll li l-Ministru Bartolo kien dispost isaħħaħ il-pożizzjoni tal-akkademiċi fil-Kunsill Nazzjonali.

Skont l-emendi l-ġodda, il-Kunsill Nazzjonali se jikber minn 11-il membru għal 15. Barra ż-żidiet imħabbra fil-Parlament fix-xhur li għaddew, issa se jkun hemm ukoll rappreżentanti taċ-Ċivil, **tal-għalliema tal-iskejjel tal-Knisja** u l-iskejjel indipendenti, tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, u tat-tradutturi tal-UE.

Huwa wkoll sodisfazzjon għalina li dawn l-emendi tal-Gvern qed isiru bi qbil mal-Oppożizzjoni, li ssekondathom. Ħadna gost nisimgħu l-apprezzament tal-Oppożizzjoni għax-xogħol siewi tal-Kunsill Nazzjonali u dan jawgura tajjeb biex il-Kunsill il-ġdid jaqbad ix-xogħol li għandu quddiemu biex ikompli jkabbar ir-riżorsi tal-Malti, fosthom iċ-ċekkjatur *(spellchecker)*, u jkompli jagħti viżibbiltà akbar lill-Malti fil-postijiet pubbliċi.

Dr Bernard Micallef
*Id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta*

Clare Azzopardi
*Id-Dipartiment tal-Malti tal-Junior College*

Dr Albert Gatt
*L-Istitut tal-Lingwistika fl-Università*

Leanne Ellul
*L-Għaqda tal-Malti – Università*

Karl Scicluna
*L-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi*

Dr Olvin Vella
*L-Akkademja tal-Malti*

2 ta' Frar 2017